MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 779/2002

**Josette Zammit**

**vs**

**Paul Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-10 t'April 1995 (Dok.B), minn liema zwieg il-konjugi Zammit kellhom tlett ulied, li huma Alfred ta' 13-il sena (Dok.C), Melanie ta' 12-il sena (Dok.D) u Wayne ta' 9 snin (Dok.E);

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju,

eccessi, mohorija, theddid, u ingurji gravi versu l-attrici, u anke abbandun tad-dar matrimonjali;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli htija esklusiva tal-konvenut, u b'hekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla numru 1090/2000 tat-28 ta' Lulju 2000, hawn anness bhala dokument 'F', permezz ta' liema Digriet l-attrici giet appuntata kuratrici *ad litem* ta' l-imsemmija ulied minuri.

Illi l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(C) tal-Kodici Civili tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro;*

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

4. Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl ta' l-Artikolu 48 subinciz (1) (c) u ta' Artikolu 53 tal-Kodici Civili;

5. Tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha;

6. Tqieghed lill-minuri Alfred, Melanie u Wayne fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

7. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedhom minuri imsemmija, a tenur ta' Artikolu 54 tal-Kodici Civili, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sussegwentement mill-penzjoni tal-konvenut.

8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati f'Artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili, u jekk ikun il-kaz bl-applikazzjoni ta' Artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civli;

9. Tawtorizza lil-attrici w uliedha biex *ai termini* ta' Artikolu 55A tal-Kodici Civili jirrisjedu fid-dar matrimonjali li ggib l-indirizz "Violetta" 43, Triq l-Iskola, Marsa.

BI-ispejjez ta' din il-procedura; inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 15 tal-process;

Rat li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza (tergo fol 18 u tergo fol 19 tal-process) baqa' ma prezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit attrici b'terminu ta' 50 jum.

Rat in-nota tal-attrici tas-6 ta' Frar 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess (fol 24 sa 26).

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2003 fejn deher il-konvenut li nforma lil Qorti ma qabbadx avukat. Il-Qorti idderigiet lill-konvenut biex ikellem avukat. Dr Leslie Cuschieri ghall-attrici prezenti ddikjara li dwar l-access tal-minuri ma jidhirx li hemm problema, u li l-partijiet qed ighixu separatament f'postijiet mikrija, u li dwar mobbli hadd mhu

qed jippretendi xejn. Il-konvenut jiddikjara meta mistoqsi mill-Qorti li bhalissa dizokkupat, u li sa 4 xhur ilu kien jahdem ma C & B Polidano Ltd. L-attrici ddikjarat ukoll li mhux qed titlob manteniment ghaliha minghand il-konvenut. Il-partijiet qablu li jiltaqghu fil-mori tad-differiment biex jippruvaw jitransigu.

Rat il-verbal tat-13 ta' Marzu 2003 fejn Dr Leslie Cuschieri ghall-attrici ddikjara li l-konvenut ma jidhirx li kellem avukat u lanqas avvicinah, u talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 t'April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) PROVI:</u>

Illi fl-affidavit taghha **Josette Zammit** qalet:

"*Jien iltqajt ma' Paul meta kelli xi 17-il sena; hu ikbar minni xi 4 xhur. Kont ili nafu snin qabel peress li kien isuq iz-zwiemel ta' zijuwi. Wara xi sena u nofs nohrog mieghu hrigt tqila minnu u ddecidejna li nizzewgu kemm jista' jkun malajr. Izzewwigna fl-10 t'April 1986 u fit-3 ta' Gunju 1986 twielditli t-tifla li semmejniha Catherine, imma din mietet wara xahrejn b'cot-death. Imbaghad fl-4 ta' Dicembru 1988 kellna lil Alfred, fit-22 ta' Frar 1990 kellna lil Melanie, u fil-5 ta' Ottubru 1992 kellna lil Wayne. Dak iz-zmien zewgi kellu mahzen kbir li fih jaghmel u jbiegh il-crisps.*

*Mat-twelid tat-tifel iz-zghir sirt naf mill-isptar li zewgi kien ghadu kif kellu tifel iehor minn mara ohra, li jisimha Carmen Schieda, illum Carmen Azzopardi. Sirt naf li dan it-tifel semmewh Gerton. Dwar dan inqalghu argumenti kbar bejnietna, u hu ammetta li dan Gerton huwa ibnu (twieled fid-19 ta' Settembru 1992). Qabel dan l-incident qatt ma kellna nkwiet bejnietna. Lil Carmen kont kellimtha*

*wkoll, u din ftahret li kienet ilha ma' zewgi sa minn meta kont ghadni kif wellidt lil binti Melanie (Frar 1990).*

*Minn hawn 'il quddiem zewgi beda jsawwatni bla hniena, beda jabbuza mill-haxixa u l-kokaina, u spicca biegh in-negozju li kellu biex isostni l-vizzju li kellu. Sar perikoluz u ghalhekk kelli nitlaq mid-dar bit-tfal b'kollox u morna Dar Merhba Bik. Huwa kien anke tressaq il-Qorti u nstab hati in konnessjoni mad-droga. Barra milli jabbuza mid-droga beda anke jisker u ghalhekk ma kontx inhallieh jiehu t-tfal mieghu. Imbaghad ghamel programm ta' riabilitazzjoni u qbilna li jien nerga' lura fid-dar taz-zwieg bit-tfal u hu mar jghix go dar f'Hal Qormi ma' Carmen Schieda. Huwa qatt m'ammetta li qed jghix ma' din l-istess mara li minnha kellu tarbija (jigifieri Carmen), izda dwar dan m'hemm dubju ta' xejn, tant li jien rajthom kemm-il darba dehlin flimkien f'din id-dar, u hafna nies jafu b'dan il-fatt. Zewgi sahansitra jsuq il-karozza taghha, u meta jittardja biex imur ghandha d-dar fil-ghaxija, hija ccempilli biex tara jkunx ghandi.*

*Nikkalkola li ilna 5 snin ma nghixux flimkien. Zewgi spicca jaghmel hafna xoghlijiet differenti, skond x'jinzerta; naf li jobrox hitan fuq il-fil, iqieghed il-madum, jiksi u jbajjad, izda dejjem bla ktieb tax-xoghol. Naturalment huwa ma jammettix li jahdem. Kemm jaqla' ma nistax nghid, izda naf li jahdem regolarment u naf b'okkazjoni fejn wahda mara li ghamlilha bicca xoghol ta' 10 t'ijiem zammilha Lm200. Zewgi lili ma jtini xejn flus, la ghalija u l-anqas ghal uliedna, u dejjem nara kif ser niddubbaw bl-ghajnuna socjali li nircievi.*

*Lit-tfal zewgi jigi jarahom meta jfettillu. Normalment jigi darba iva u darba le. Daqqa jdum 5 minuti, u daqqa jdum nofs siegha; kien hemm xi okkazzjonijiet ohra li dam iktar, nghidu ahna xi 3 sieghat, izda rari. Sa fejn naf jien zewgi m'ghadux fuq id-droga, izda minn zmien ghal zmien ghadu jisker. Huwa ghadu jghix ma' Carmen, illum Azzopardi, u ghandhom maghhom lil bint Carmen ta' xi 18-il sena li hija kellha mir-ragel taghha, u lit-tifel Gerton li hija kellha minn zewgi.*

*Il-post fejn nghix fih jien huwa l-post li konna nghixu fih bhala mizzewgin flimkien. Dan qieghed b'kera fuq ismi. Zewgi qieghed kuntent fejn qed jghix mal-mara l-ohra, u tul dawn is-snin kull ma ried jiehu mid-dar hadu. Ghalhekk nghid li zewgi m'ghandu ebda interess f'dak li baqa' fid-dar tieghi, la ghamara u la xejn. Imbaghad dawn l-ahhar snin kull ma kien ikollna bzonn ghad-dar kont nixtrih jien b'dak li kien jirnexxieli nwarrab mis-social service, izda dan bi tbatija kbira ghaliex is-social service bil-kemm isservini biex nghixu. Fiz-zwieg l-unika proprjeta' li kellna kienu d-dar u l-mahzen tal-crisps li semmejt, izda t-tnejn b'kera. Il-mahzen issa zewgi ghaddih lil haddiehor u tieghu ha xi rigal sewwa, izda jien ma hadt xejn minn dawn il-flus. Tul iz-zwieg ukoll, zewgi xtara diversi karozzi: kellna van Dutch, Honda CRX, Mazda 323 gdida, u van iehor li ma niftakarx ismu. Dawn kollha bieghhom zewgi meta kienu ghadhom tajbin, u mill-flus li dahhal jien ma rajt xejn. Jien nippretendi li wara li biegh dawn l-affarijiet kollha u qed jghix tista' tghid fil-lussu, lili ghandu jtini somma sewwa, sia biex inkun hadt sehemi, u sia biex inkun nista' nixtri bzonnijiet bazici li qed ikolli nghaddi minghajrhom ghax m'ghandix flus."*

## (B) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li tissepara minn zewgha stante li l-istess kien hati versu taghha ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi w abbandun tad-dar konjugali u dan apparti t-talbiet l-ohra kollha in konnessjoni mas-solita talba ghas-separazzjoni legali.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fl-10 t'April 1996 u kellhom tlett itfal li ghadhom illum minorenni, Alfred, Melanie u Wayne – li llum ghandhom circa erbatax-il sena, tlettax-il sena u ghaxar snin rispettivament u ghadhom jirrisjedu ma' l-attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kellu relazzjonijiet waqt iz-zwieg ma terza persuna fejn anke kellu wild mill-istess, u apparti dan kien hati ta' vjolenza

domestika versu l-attrici u minhabba l-vizzju tad-droga li jidher li qabad kien jimmaltratta lill-istess attrici. Minhabba l-inkwiet li nqala, rakkontat mill-attrici fl-affidavit taghha fuq riportat, jirrizulta li huwa lanqas kien imantni lilha u lil uliedha, u jidher li llum l-istess konvenut qed jghix ma din it-terza persuna u ma ibnu li twieled mill-istess relazzjoni.

Illi minn dan kollu jirrizulta li t-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha u ghal fini tal-ewwel talba tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat hati tal-firda fis-sena 1998.

Illi kwantu ghat-tielet talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha wkoll tigi milqugha.

Illi dwar ir-raba' talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jirrizultax li din hija possibbli peress li m'hemm ebda oggett ta' valur fl-istess komunjoni. Il-Qorti zzid tghid li jidher li l-fond matrimonjali "Violetta", 43, Triq l-Iskola, Marsa, jinsab ghand il-kontendenti b'titolu ta' kera, u dan b'applikazzjoni anke ta' l-**artikolu 48 tal-kap 16** ghandu jigi assenjat lill-attrici b'dan li l-kera fuq l-istess post ghandha tghajjat biss lill-attrici, u dan apparti dak li ser jigi pprovdut fid-disa' talba ta' l-istess citazzjoni.

Illi peress li mill-provi jirrizulta li l-minuri dejjem ghexu ma' l-attrici li pprovdiet ghall-manteniment taghhom mill-assistenza socjali li hija tircievi, u minn introjtu iehor, u minhabba cirkostanzi kif fuq pruvati tal-konvenut, din it-talba wkoll ghandha tintlaqa' u l-kura u kustodja ta' l-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

Illi dwar il-seba' talba peress li ma jirrizultax li l-istess konvenut ghandu xi kwalita ta' ntrojtu, din il-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba ghalkemm tirriafferma d-dritt ta' l-attrici proprju u ghan-nom ta' l-istess minuri li tesigi l-manteniment minghand il-konvenut skond id-dettami tal-ligi ta' bzonn u ntrojtu rispettivament.

Illi t-tmien u d-disa' talba fil-kuntest premess ghandhom ukoll jigu milqugha b'dan li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghar-rigward tat-tmien talba attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, u b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u dan minhabba li huwa rrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi versu l-attrici w abbandun tad-dar matrimonjali, u ghall-finijiet ta' l-**Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili** tistabbilixxi d-data tas-sena 1998 minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro;*

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond **Artikolu 55 tal-Kodici Civili**;

4. Illi peress li mill-provi ma jirrizultax li tali komunjoni tal-akkwisti ghandha xi assi ta' valur (apparti l-kera tal-fond matrimonjali li ser jigi msemmi aktar il-quddiem), din il-Qorti tiddikjara li m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess, b'dan pero` li in vista ta' dak fuq premess l-attrici ghandha tigi assenjata l-kera tal-fond matrimonjali "Violetta", 43, Triq l-Iskola, Marsa, u dan esklussivament. Tordna ghalhekk li tali kera tal-imsemmi fond tinqaleb fuq l-attrici u tordna n-notifika ta' din is-sentenza a spejjez attrici lis-sid tal-istess fond.

5. Tichad din it-talba stante li ma jirrizultax mill-provi li l-attrici ghandha xi beni parafernali li mhux fil-pussess taghha

6. Tordna li l-minuri Alfred, Melanie u Wayne ikunu fil-kura u kustodja esklussiva ta' l-attrici;

7. Tastjeni milli tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ir-retta alimentarja xierqa w adekwata u dan kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedha minuri, u dan peress li mill-provi ma

jirrizultax li l-konvenut ghandu xi forma ta’ ntrojtu, b’dan pero` li jigi dikjarat li kemm l-attrici proprju u kemm f’isem uliedha ghandha d-dritt ghal tali alimenti fil-parametri dettati mill-ligi, u jibqa’ riservat favur l-attrici d-dritt li tressaq tali talba fil-futur.

8. Tilqa’ din it-talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati f’**Artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili**, u dan ukoll bl-applikazzjoni ta' **Artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civli – tal-Kap 16**;

9. Tawtorizza lil-attrici w uliedha biex *ai termini* ta' **Artikolu 55A tal-Kodici Civili** jirrisjedu fid-dar matrimonjali li ggib l-indirizz "Violetta" 43, Triq l-Iskola, Marsa, u dan esklussivament bl-eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------